Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 333/2010

**Ignatius Busuttil (KI 477155M)**

**vs**

**Transport Malta u b'digriet ta' nhar it-12 t'April 2010 gew kjamati in kawza s-socjeta' JAJ Company Ltd (C 22257) u l-Korporazzjoni Enemalta**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016

Permezz ta' avviz tat-talba prezentat fit-8 ta' Frar 2010[1] quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, l-attur ippremetta li Transport Malta kienet haffret gandott biex jigi mghoddi *cable* fi Triq Victor Denaro, Msida li tigi fuq it-triq li fiha ghandu garaxx gewwa l-Imsida. Gara li dan il-gandott dam miftuh cirka gimghatejn f'liema perjodu ghamlet ix-xita bil-konsegwenza li l-ilma beda jingabar fil-gandott u eventwalment jidhol fil-garaxx tieghu li sofra hsarat. Huwa talab lit-Tribunal jillikwida s-somma ta' tlett elef erba' mija u disghin Ewro (€3,490) jew somma ohra xierqa flimkien mal-ispejjez kontra l-intimat.

Transport Malta wiegbet[2] li ma kinitx il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici ghaliex ix-xogholijiet ma gewx ippjanati minnha u lanqas kienet involuta fihom. Fuq talba tal-attur giet imsejha fil-kawza l-Korporazzjoni Enemalta li fuq inkarigu taghha kienet thaffret it-trinka. Il-Korporazzjoni min-naha taghha cahdet kull responsabbilta' ghall-akkadut[3]. Giet ukoll imsejha fil-kawza l-kumpannija JAJ Company Limited, li kienet il-kuntrattur li ghamlet ix-xogholijiet fuq inkarigu tal-Enemalta. Din is-socjeta' wiegbet[4] li m'hijiex il-legittimu kontradittur; li t-talbiet fil-konfront taghha huma ntempestivi u li fi kwalunkwe kaz m'hijiex responsabbli ghad-danni. Il-*quantum* tad-danni gie kontestat mill-awtorita' ntimata u miz-zewg kjamati fil-kawza.

Permezz ta' sentenza tal-25 ta' Marzu 2013 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda:-

---

[1] Fol 1 *et seq.*
[2] Risposta a fol 7.
[3] Risposta a fol 22 *et seq.*
[4] Risposta a fol 32 *et seq.*

*"Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi filwaqt illi ma jilqax it-talbiet tal-attur fil-konfront ta' Transport Malta jilqahom fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta u tal-kumpannija JAJ Co Ltd u in solidum bejniethom jikkundannahom ihallsu lill-attur l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) bhala kumpens ghall-hsarat li garab l-attur fl-affarijiet li kellu fil-garaxx tieghu......"*.

Mis-sentenza appellat il-Korporazzjoni Enemalta. L-aggravji jirrelataw ghall-apprezzament tal-provi u dwar id-danni. Ghall-appell wiegbet biss Transport Malta.

Il-qorti rat l-atti.

Fil-fehma tal-appellanti t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti meta kkonkluda li l-Enemalta kienet solidament responsabbli mal-kuntrattur, cioe' mas-socjeta' JAJ Company Limited, ghad-danni kagunati fil-garaxx tal-attur.

Jirrizulta li l-Korporazzjoni applikat biex tinghata permess sabiex isir *trenching* fi Triq Victor Denaro. Fit-2 ta' Marzu 2010, Transport Malta tat permess lil JAJ Co Ltd sabiex taghmel ix-xoghol bejn id-9 u 30 ta' Settembru 2009 (fol. 11). Jirrizulta li JAJ Co Ltd ghamlet trinka fi Triq Victor Denaro, Msida. Matul il-granet 22 u 23 ta' Settembru 2009 ghamlet ix-xita. Jidher li t-trinka mtliet ilma u dan beda jiskula ghall-passagg dejjaq li jidher fir-ritratti[5], u l-ilma dahal fil-garaxx tal-attur.

Fil-konfront ta' Transport Malta u tas-socjeta JAJ Co Ltd is-sentenza tat-Tribunal hi *res judicata*. Kien inutli li Transport Malta twiegeb ghall-appell li pproponiet l-Enemalta, gialadarba m'hemmx aggravju dwar il-fatt li t-Tribunal ma sabx responsabbilta f'din il-Awtorita'.

Il-Korporazzjoni ssostni li m'ghandha l-ebda responsabbilta ghall-akkadut ghaliex ix-xoghol sar minn JAJ Co Ltd. Jirrizulta li fit-8 ta' Frar 2007, JAJ Co Ltd flimkien ma' kumpanniji ohra ffirmaw skrittura privata sabiex jaghmlu xoghol ta' *trenching*. Fil-kuntratt jinghad:

*"14.0 Damages*

*14.1 All precautions are to be taken by the Contractor to eliminate danger to the public and to the workmen.* ***All damages to any property or persons sustained during the execution of works shall be the responsibility of the Contractor****"* (enfazi tal-qorti).

Ghall-attur dan il-ftehim hu *res inter alios acta* u ghalhekk il-Korporazzjoni ma tistax tirnexxi fid-difiza taghha billi tistrieh biss fuq dak li jinghad fil-ftehim.

Min-naha l-ohra m'hemmx dubju li x-xoghol twettaq mis-socjeta JAJ Co Ltd. Il-Korporazzjoni ssostni li ma tressqet *"...... ebda prova ta' danni jew kagun tad-danni li setghet kienet responsabbli ghalihom l-Enemalta"*.

[5] Prezentati fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2010.

Skond l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li ssir bi htija tieghu.

Ghalkemm it-Tribunal qal: *"Minkejja dan il-ftehim, ir-responsabbilta legali tal-Korporazzjoni Enemalta tibqa' xorta flimkien mar-responsabbilta li ghandu l-kuntrattur"*, naqas milli jghid kif wasal ghal tali konkluzjoni.

Bhala regola kuntrattur fit-twettiq tax-xogholijiet appaltati, jopera b'awtonomija, bl-organizazzjoni proprja tieghu u bl-uzu ta' dawk il-mezzi mehtiega biex iwettaq ix-xoghol. F'dan il-kuntest il-qorti tislet bran minn sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni numru **12971 tas-27 ta' Mejju 2010**:-

*"Una corresponsabilita' del committente puo', infatti, verificarsi solo in due casi: o quando l'opera sia stata affidata ad impresa manifestamente inidonea (cosiddetta culpa in eligendo), ovvero quando la condotta causativa del danno sia stata imposta all'appaltatore dal committente stesso, attraverso rigide ed inderogabili direttive (ex plurimis: Cass. n. 10588/2008; n. 7755/2007; n. 15782/2006). In particolare un dovere di controllo di origine non contrattuale gravante sul committente al fine di evitare che dall'opera derivino lesioni del principio del neminem laedere, di cui alla norma generale contenuta nell'art. 2043 c.c., puo' essere configurato solo con riferimento alla finalita' di evitare specifiche violazioni di regole di cautela (Cass. n. 13131/2006; n. 11478/2004)* ***e non anche al fine di realizzare una generale supervisione da parte del committente sulla conformita' del comportamento dell'appaltatore al principio base della responsabilita' civile****; e cio' in quanto la funzione di controllo e' assimilabile a un potere che puo' essere riconosciuto nei rapporti interni fra committente e appaltatore, in correlazione alla riduzione o eliminazione della sfera di autonomia decisionale del secondo e solo eccezionalmente puo' assumere rilevanza nei confronti dei terzi"*.

Fix-xoghol ma kien hemm xejn ikkumplikat u m'hemmx prova li fil-kors tat-twettiq tax-xoghol il-Korporazzjoni tat xi ordnijiet li setghu taw lok ghall-hsara fil-fond tal-attur. Pero' rrizulta li ufficjal tal-Korporazzjoni kien qieghed imur fis-sit fejn kien qieghed isir ix-xoghol u kkonferma li dam ghaddej ghal xi hmistax-il gurnata (ara deposizzjoni ta' Mario Sultana). Kien ghalhekk fatt maghruf ghall-Korporazzjoni li l-kuntrattur kien ghamel trinka fit-triq u halliha miftuha mhux ghal gurnata jew tnejn. Bhala entita tal-Gvern, il-Korporazzjoni kellha dmir tizgura li t-trinka tinghalaq fl-iqsar zmien possibbli u mhux tithalla miftuha ghal dawk il-granet kollha bil-perikli kollha li dan il-fatt igib mieghu.

Inoltre, skond l-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili:-

*"**Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila**, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi"*.

Fis-sentenza **Emanuel Zammit nomine vs Charles Polidano proprio et nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2014, gie osservat:-

*"**Min-naha l-ohra, is-socjetajiet appellanti ma jistghux jehilsu mir-responsabbilita` billi jghidu li qabbdu persuna biex tiehu hsieb ix-xoghol, ghax la darba rrizulta li b'dak li ghamlet jew ma ghamlitx dik il-persuna, is-socjeta` attrici sofriet danni** (specjalment meta tower crane intrama ezatt mal-faccata tal-lukanda tas-socjeta` attrici), **isegwi li dik il-persuna ma kienetx kompetenti f'xogholha, u ghall-konsegwenzi ta' din l-inkompetenza ghandhom ibatu wkoll is-sidien, is-socjetajiet konvenuti appellanti** (ara Grech v. Kummissarju tal-Pulizija, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 1988, u Gauci v. Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et., deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Novembru, 2010, li fiha, wara rassenja ta' gurisprudenza, inghad li "il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabbilita` ta' persuna ghall-atti tal-impjegati taghha li jikkawzaw danni lil terzi"). Hu car, kif taraha din il-Qorti, li allura ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici, ma jahti hadd hlief is-socjetajiet konvenuti kif stabbiliet l-ewwel Qorti (Emanuel Zammit nomine vs Charles Polidano pro et nomine, deciza mill-appell fil-31 ta' Jannar 2014)"*[6](enfazi mizjuda).

L-attur xehed li l-gandott dam miftuh xi gimghatejn (fol. 37). Hu evidenti li l-kuntrattur ma ha l-ebda prekawzjonijiet fil-perjodu li t-triq kienet miftuha. M'huwiex il-kompitu tal-qorti biex tghid x'kellu jaghmel il-kuntrattur biex jigi evitat dak li fil-fatt gara. Dik it-tip ta' trinka fi triq ma' kellha qatt tithalla miftuha gimghatejn f'perjodu meta kien prevedibbli li taghmel ix-xita. Ix-xoghol kien jikkonsisti fi thaffir ta' trinka u tqeghid ta' cable biex jinghata s-servizz tad-dawl fi blokk ta' appartamenti. Ma tressqet l-ebda raguni li tiggustifika li hofra fi triq principali pubblika tithalla ghal dawk il-granet kollha miftuha. Xoghol bil-galbu kien jitlob li hekk kif issir it-trinka fit-triq, jitpogga l-cable u mhux l-hofra tinghalaq. Hu inaccettabbli li triq tithalla b'gandott ghal dawk il-granet kollha u mbaghad meta ssir il-hsara kulhadd ifarfar ir-responsabbilta. Dan apparti li jidher ukoll li qabel beda x-xoghol kien hemm nuqqas ta' *pre-planning* iktar u iktar meta tqies li x-xoghol sar f'zona urbana.

F'rapport tal-perit Ian Critien jinghad li l-ilma pperkola ghaliex:-

*"Firstly, due to heavy rainfall, water would have collected in the excavated trench. This water would have been continuous since the same trench crossed Triq l-Iskola which has a relatively steep incline where rainwater would have continuously been flowing down. Since the trench ran parallel to the hollow concrete block wall below pavement level, water could therefore easily seep through the loose material and through this wall into the peripheral area. The amount and rate at which water was entering caused the water level in this area to rise above the existing step resulting in water flooding into the garage areas as claimed by the owner. This was possibly due to the fact that the existing floor drains were not designed for such large amounts of continuous water entry"* (fol. 50).

Inoltre, illum il-gurnata hemm gudikat kontra JAJ Co Ltd li hi responsabbli ghad-danni li sofra l-attur. Sentenza li fiha nnifisha hi prova li l-kuntrattur ma kienx ta hila

[6] F'dik il-kawza il-konvenuti kienu s-sidien u kienu qeghdin isostnu li l-persuna responsabbli ghax-xogholijiet li saru fis-sit , kienet terza persuna li gie identifikat bhala l-kuntrattur.

tant li nstab responsabbli ghad-danni. Fic-cirkostanzi b'applikazzjoni ta' dak li nghad fis-sentenza hawn fuq citata, il-Korporazzjoni ghandha taghmel tajjeb ghad-danni solidalment mal-kuntrattur (Artikolu 1050 tal-Kodici Civili).

Fir-rikors tal-appell il-Korporazzjoni qalet ukoll li:-

*"… l-attur irid jipprova li l-hsarat li sofra kienu konsegwenza ta' thaffir ghal gandott sabiex ighaddi cable u liema dannu sar effettivament mill-Korporazzjoni Enemalta"*.

Mir-rapport tal-perit Critien hu evidenti li l-ilma dahal fil-proprjeta tal-attur b'rizultat tal-iskavar ta' trinka minn JAJ Co Ltd. Ir-responsabbilta tal-Korporazzjoni diga' giet trattata iktar 'il fuq.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni Enemalta, b'dan li Transport Malta ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha gialadarba pprezentat twegiba (fol. 13) minkejja li l-Korporazzjoni Enemalta ma appellatx minn dik il-parti tas-sentenza li biha giet michuda t-talba tal-attur fil-konfront ta' din l-Awtorita'.**

Anthony Ellul.